# Il-ĦSIEB TAL-ĠENNA

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli**
**Atti 13, 14, 43-52**

F'dak iż-żmien: Pawlu u Barnaba minn Perge baqgħu sejrin u waslu f'Antjokja ta' Pisidja. F'jum is-Sibt daħlu fis-sinagoga u qagħdu bilqiegħda. U meta xterdet il-ġemgħa tas-sinagoga, ħafna nies, kemm mil-Lhud u kemm mill-proseliti, marru ma' Pawlu u ma' Barnaba, li baqgħu jkellmuhom u jħeġġuhom biex jibqgħu fil-grazzja ta' Alla.
Is-Sibt ta' wara, tista' tgħid il-belt kollha inġemgħet biex tisma' l-Kelma ta' Alla. Il-Lhud, meta raw il-ġmiegħi, imtlew bil-għira u bdew jidgħu u jmieru dak li kien igħid Pawlu Imma Pawlu u Barnaba bil-kuraġġ kollu qalu: "Hekk kien jinħtieġ, li l-kelma ta' Alla titħabbar lilkom l-ewwel; billi intom qegħdin twarrbuha, u jidhrilkom li ma tistħoqqilkomx il-ħajja ta' dejjem, aħna se nduru fuq il-pagani. Għax hekk ordnalna l-Mulej, 'Jien għamiltek biex tkun dawl tal-ġnus, biex twassal is-salvazzjoni sa truf l-art.''
Il-pagani, meta semgħu dan, bdew jifirħu u jfaħħru l-kelma tal-Mulej, u dawk kollha li kienu magħżulin għall-ħajja ta' dejjem emmnu. Hekk il-kelma tal-Mulej kienet tixtered mal-art kollha. Imma l-Lhud xewxu lin-nisa twajba u magħrufa, kif ukoll lill-kbarat tal-belt, u keċċewhom 'il barra minn arthom. U qajmu persekuzzjoni kontra Pawlu u Barnaba Huma farfru għal fuqhom it-trab ta' riġlejhom u marru Ikonju. Iżda d-dixxipli kienu mimlijin bil-ferħ u bl-Ispirtu s-Santu.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu hajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 99**
**Hallelujah, hallelujah, hallelujah**

Għajtu bil-ferħ lill-Mulej, fl-art kollha,
aqdu lill-Mulej bil-ferħ
idħlu quddiemu b'għana ferrieħi.

**R/. Hallelujah, hallelujah, hallelujah**

Kunu afu li l-Mulej hu Alla,
hu ħalaqna, u aħna tiegħu,
aħna l-poplu tiegħu u n-ngħaġ tal-merħla tiegħu.

**R/. Hallelujah, hallelujah, hallelujah**

Għax twajjeb il-Mulej,
għal dejjem it-tjieba tiegħu;
u minn żmien għal żmien il-fedelta' tiegħu.

**R/. Hallelujah, hallelujah, hallelujah**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi ta' San Ġwann Appostlu**
**Apok 7, 9, 14b-17**

Jiena Ġwanni, ħarist, u ara, kien hemm kotra kbira li ħadd ma jista' jgħoddha, minn kull ġens u tribu', minn kull poplu u lsien, weqfin quddiem it-tron u quddiem il-Ħaruf, libsin ilbiesi twal bojod, u bil-friegħi tal-palm f'idejhom.
U wieħed mix-Xjuħ qalli: "Dawn huma dawk li ġejjin mit-taħbit il-kbir, u l-ilbiesi tagħhom ħasluhom u bajduhom fid-demm tal-Ħaruf. Għalhekk jinsabu quddiem it-tron ta' Alla, lejl u nhar jaqduh fit-tempju tiegħu; u dak li qiegħed fuq it-tron jeħodhom igħammru taħt il-kenn tiegħu.
Ma jbatux aktar ġuħ, anqas għatx ma jagħmel bihom aktar; ix-xemx ma taħkimhomx, anqas ebda għomma, ladarba l-Ħaruf, li hemm f'nofs it-tron, ikun ir-ragħaj tagħhom; u hu jwassalhom ħdejn egħjun ta' l-ilmijiet tal-ħajja. U Alla jixxuttalhom kull demgħa minn għajnejhom''

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu hajr lil Alla.**

**Hallelujah, Hallelujah**
Jiena ir-Ragħaj it-tajjeb, igħid il-Mulej;
jiena nagħraf in-nagħaġ tiegħi,
u n-nagħaġ tiegħi jagħarfu lili.
**Hallelujah**

✠L-EVANĠELJU
**Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann**
**Ġw 10, 27-30**

F'dak iż-żmien: Ġesu' qal: "In-nagħaġ tiegħi jisimgħu leħni, u jiena nagħrafhom, u huma jimxu warajja. U jiena nagħtihom il-ħajja ta' dejjem; u huma ma jintilfu qatt, u min idejja ma jaħtafhomli ħadd. Missieri, li tahomli, hu akbar minn kulħadd, u ħadd ma jista' jaħtafhom minn id il-Missier. Jien u l-Missier aħna ħaġa waħda.''

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**It-tifħir lilek Kristu.**